**Laqgha Numru 18/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Hamis 18 ta' Dicembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-12 ta' Dicembru 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2008.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. L-Organizzazzjoni ta' Konferenza ta' l-ECAD fis-sena 2010.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 17/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn s-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

1.04. Il-Minuti gew approvati.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2008.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 83/2008** Lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 17/K6/2008 u 18/K6/2008 **(Ara dokument A); Internal Memo 84/2008** Rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 17/K6/2008 u 18/K6/2008 **(Ara dokument B) u** Rapport ta' Performance Appraisal ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo ghax-xahar ta' Novembru 2008. **(Ara Appendici C).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-5 u t-18 ta' Dicembru 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5824/08/I** 09/12/2008 Memo 37/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema rigward Attivitajiet Kulturali.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5824/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kopja ta' dan id-dokument tqieghed fil-kamra tal-Kunsilliera.

**46/5825/08/I** 09/12/2008 Ittra minghand is-Sur Louis Chircop jilmenta minn nuqqas ta' dawl quddiem il-bring in sites li hemm fi Triq il-Mediterran.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5825/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li flimkien mal-kuntrattur issir zjara fiz-zona biex naraw x'jista' jsir bl-inqas spiza possibbli u fl-istess hin tinxtghel iz-zona.

6.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li qabel ma jehel xi dawl gdid hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

6.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat il-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

6.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5833/08/I** 09/12/2008 Ittra minghand is-Sur Grazio Farrugia fejn filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill qed jitlob li jigu rrangati l-paving blocks tal-bankina.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5833/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li x-xoghol mis-sezzjoni tad-dranagg sar kif ukoll ser issir spezzjoni minnaha

taghhom flimkien ma' tas-Sanita biex jaraw x'hemm u ghalhekk ghad hemm hofra fejn hemm il-komunikazzjoni mill-main ghad-djar.

**46/5846/08/I** 10/12/2008 Ittra minghand il-Malta Tourism Authority fejn qed titlob lill-Kunsill jipprovdi lista t'attivitajiet li ser isiru fil-lokal matul is-sena li gejja.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5846/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-MTA ghandhom jigu nfurmati li ser jigi ccelebrat il-25 sena mit-twaqqif ta' Pembroke bhala lokalita' gdida.

6.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5850/08/I** 10/12/2008 Ittra minghand is-Sur Paul Miruzzi tas-Sezzjoni ALE Pulizija jinforma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill sabiex jingabru klieb li qed jitterrorizzaw lir-residenti nghatat lil Dr. Mario Spiteri ta' l-Animal Welfare Unit sabiex jiehdu azzjoni minhabba li l-Pulizija m'ghandhomx l-attrezzatura necessarja.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5850/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-ittra ghandha tintbaghat fil-forma ta' flyer informattiv lir-residenti.

6.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5861/08/I** 11/12/2008 Ittra minghand l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said jirringrazzja lill-Kunsilliera u l-istaff ta' l-ghajnuna taghhom ghas-sehem taghhom fl-attivitajiet li saru f'gheluq il-15 il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5861/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5871/08/I** 11/12/2008 Kopja ta' stqarrija ghall-istampa li hareg il-Kunsill jikkundanna l-att vandalu li sar fuq il-vettura privata tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5871/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva kummenti ta' solidarjeta' minghand diversi Kunsilli b'reazzjoni ghal dak li gara.

6.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien biss il-Kunsill Lokali Isla li baghat kummenti bil-miktub.

**46/5872/08/I** 11/12/2008 Kopja ta' stqarrija ghall-istampa li hareg il-Kunsill jopponi ghall-progett pilota li sar fi Triq id-Dragonara San Giljan.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5872/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5876/08/I** 11/12/2008 Ittra minghand is-Superintendence of Cultural Heritage jitolbu nformazzjoni minghand il-Kunsill dwar attivitajiet kulturali li ghamel il-Kunsill f'dawn l-ahhar snin.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5876/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li tajjeb li dan is-sinjur ikun infurmat bir-re-enactment li sar f'Jum Pembroke u bil-hsieb tal-Kunsill li ssir heritage route fil-progett tal-Garigue Park.

**46/5884/08/I** 12/12/2008 — Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li rigward it-talba tal-Kunsill sabiex jigu rrangati shades li hemm mal-lampi tad-dawl f'St. Patricks, hemm resident li qed joggezzjona u jrid li jibqghu kif jinsabu.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5884/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Joe Brincat informa lill Kunsill li wara li kien mitlub mil-Kunsill biex jiehu hsieb din il-materja u wara li kien iltaqgha mal-haddiema ta' l-Enemalta fuq il-post jinforma lill-Kunsill li ix-xoghol sar biex gew irrangati dawn is-shades u issa dawn gew f'pozizzjoni aktar ahjar u li qed taqdi l-bzonnijiet ta' kulhadd ghax in-naha ta' dan ir-resident giet mghottija u innaha l-ohra gew miftuha bizzejjed biex idawwlu l-parti tan-naha tar-residenti.

**46/5927/08/I** 16/12/2008 — Stedina lis-Sindku ghas-16th Mayors Conference ta' l-ECAD li ser issir bejn il-5 u s-6 ta' Frar 2009 f'Goteborg fi Sweden.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5927/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li mhux possibbli li jattendi ghal din il-konferenza minhabba li ser issir fi Frar u mhux f'Mejju bhas-soltu kif ukoll minhabba ukoll it-tul u l-ispiza aktar mis-soltu ghax ser issir Sweden. Is-Sindku Joe Zammit qal li tajjeb li wiehed jinnota li matul din il-Konferenza ser jithabbar il-post fejn ser isir il-konferenza ta' l-ECAD ghas-sena 2010 u li kif se jigi diskuss taht item 9 ta' l-Agenda, l-ECAD accettaw li din il-konferenza ser isir f'Malta fuq talba tal-Kunsill Lokali Pembroke.

**46/5934/08/I** 16/12/2008 — E-mail minghand l-Avukat Dr. Luciano Busuttil fejn baghat kopja ta' l-ittra li nbaghtet lill-AKL dwar il-kwotazzjoni ta' tindif.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5934/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kontenut ta' l-ittra u ghalhekk ghandu jinforma lill-Avukat sabiex jibghat din l-ittra ufficjalment lill-AKL.

6.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5913/08/I** 15/12/2008 — Kwotazzjoni minghand EWorld ghal multi function fax.

**46/5914/08/I** 15/12/2008 — Kwotazzjoni minghand Strand Electronics Ltd. ghal multi function fax.

**46/5916/08/I** 15/12/2008 — Kwotazzjoni minghand Integrated Electronics Ltd. ghal multi function fax.

**46/5917/08/I** 15/12/2008 — Kwotazzjoni minghand Avantech Ltd. ghal multi function fax.

**46/5940/08/I** 16/12/2008 — Kwotazzjoni minghand lnfinite Fusion Tech. ghal multi function fax.

**46/5971/08/I** 18/12/2008 — Kwotazzjoni minghand l-Intercomp ghal multi function fax.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5913/08/I, 46/5914/08/I, 46/5916/08/I, 46/5917/08/I, 46/5940/08/I u 46/5971/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri multifunction fax machine mudell HP Officejet J6410 AiO ghall-prez zta' € 299 mingħand il-kumpanija E world. Il-kelliem ippropona ukoll li l-photocopier/printer li kellu qabel il-Kunsill ghandha titpogga fil-kurutur u mhux fis-sala sabiex tkun aktar accessibbli ghall-membri tal-Kunsill.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5945/08/I** 17/12/2008 E-mail minghand High Noon Entertainment fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar il-possibilita' li juzaw ir-ranges ta' Pembroke bejn il-5 u l-10 ta' Jannar 2009 sabiex isir filming bi sparar bl-armi u jista' jkun li juzaw anke kanun u dan se jintwera fuq il-History Channel.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5945/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5953/08/I** 17/12/2008 E-mail minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr. Chris Said fejn baghat l-awguri tieghu ghall-Milied u s-sena l-gdida kif ukoll informa l-Kunsill bl-ezercizzju li ghaddej prezentament fejn qed jitnehhew mit-toroq u mill-ghelieqi l-vetturi mitluqa u oggetti ohra kbar tal-hadid u talab inkomplu niddentifikaw oggetti simili permezz ta' ritratti u site plans kemm f'toroq kif ukoll fi propjeta' privata.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5953/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5958/08/I** 17/12/2008 E-mail minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex bejn it-12 u 19 ta' Jannar 2009 titella' esebizzjoni bl-isem Zero Carbon City vicin il-Knisja Kristu Rxoxt.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5858/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5969/08/I** 18/12/2008 E-mail minghand l-Ambaxxata Amerikana s-Sinjura Louise Falzon fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna nformat lill-Kunsill li l-laqgha ma' Ms. Cynthia Ehrlich tista' ssir nhar il-Hamis 22 ta' Jannar 2009 fis-6.30pm gewwa l-Kunsill.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5969/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-proposta.

6.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kien hemm ebda laqgha tal-NHDJC. Il-kelliem qal li fir-rigward ta' l-LES l-ahhar laqgha kienet laqgha normali qabel aggorna ghall-vaganzi tal-Milied.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li rigward il-'Film Day-Party' tat-tfal s'issa ma kienx hemm ir-rispons mixtieq. Ghaldaqstant ippropona li r-rigali/gugarelli

li jibqa' ma jintuzawx ghandhom jinzammu halli meta ssir l-attivita' li hemm mahsub ghall-gheluq ta' 25 sena ta' Pembroke, dawn jinghataw lit-tfal li jattendu ghal din l-attivita'.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.04. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat qalu li kienu ser jattendu ghal din l-attivita' tat-tfal li ser issir nhar il-Hadd 21 ta' Mejju 2008 bejn it-8.00 am u 12.30 pm.

8.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill fl-attivita' ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Dicembru fejn ser jitqassmu r-rigali bil-Father Christmas. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien hemm 13 il-familja li ser jippartecipaw.

8.06. Is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qalu li ser jippartecipaw f'din l-attivita'.

## 09. L-Organizzazzjoni ta' Konferenza ta' l-ECAD fis-sena 2010.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza numri 46/5174/08/I, 46/4256/08/I, 46/5071/08/I, 46/4358/08/I 46/4783/08/I. **(Ara dokumenti D, E, F, G u H).** Il-kelliem informa lill-Kunsill li kemm matul il-laqgha tas-Sindki li saret fil-gimghat li ghaddew kif ukoll matul il-prezentazzjoni tal-midalji fl-attivita' ta' Jum ir-Repubblika kellu komunikat ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn qal li dan ta' l-ahhar ikkonfermalu li l-Gvern jaqbel li din il-konferenza issir f'Malta mill-Kunsill Lokali Pembroke bil-kollaborazzjoni mal-Ministeru ghad-Djalogu Pubbliku. Il-kelliem qal li fil-fatt waqt l-attivita' fil-Palazz f'Jum ir-Repubblika kien hemm prezenti ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija li qal li huwa ukoll lest li jkun involut f'din il-konferenza kif ukoll li l-Onor. Chris Said qal li kien lest li jiltaqa' ma' membri tal-Kumitat Central ta' l-ECAD. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser jitlob ukoll l-involviment tal-MEUSAC biex jara kif jghin f'din l-organizzazzjoni. Finalment il-kelliem qal li fid-dawl li l-Kumitat Central ta' l-ECAD accetta l-proposta biex issir din il-Konferenza f'Malta kif ukoll fejn kienu baghtu nformazzjoni ta' dak li ghandu jkun organizzat u kif ukoll li dawn lesti ukoll li jigu hawn Malta biex jiddiskutu l-programm is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Kumitat Centrali ta' l-ECAD li l-Konferenza ta' l-ECAD issir f'Malta taht il-patrocinju tal-Kunsill ta' Pembroke flimkien mal-Ministeru tad-Djalogu Pubbliku; li kopja ta' kull korrispondenza ghandha tintbaghat lill-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said; Il-Kunsill jitlob laqgha mal-MEUSAC rigward din l-attivita' kif ukoll il-Kunsill jistieden lill-Kumitat Centrali ta' l-ECAD biex jekk jixtiequ jaghmlu l-laqgha preparatorja hawn Malta skond kif indikat fl-ittra taghhom.

9.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet lis-Sindku Joe Zammit jekk l-Onor. Chris Said kienx accetta li jospita l-welcome reception kif ukoll jekk kienx approva li ssir din il-konferenza.

9.03. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb l'iva l-Onor. Dr. Chris Said kien qabel li jospita l-welcome reception bl-involviment tas-segretarjat ghas-Sahha li kien infurmat b'dan. Il-kelliem qal li fl-istess hin se tintalab laqgha mal-Onorevoli CHris Said rigward din il-materja malajr kemm jista' jkun.

9.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li taqbel li issir din il-laqgha anke fin-nuqqas tal-prezenza taghha minhabba li fil-jiem li gejja ser tkun impenjata.

9.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

9.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument I u J)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

10.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn s-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava astenja ghall-kont tas-Sur Anthony Mifsud ( li kien l-ahhar wiehed ghax ma baqax kuntrattur tal-Kunsill) filwaqt li approva l-kontijiet l-ohra.

10.05. Il-kontijiet gew approvati.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jitqabbad il-kuntratt J&K Contractors Limited sabiex jitnaddaf is-sit li hemm bejn Sit B San Gorg u l-lukanda SAS Radisson Bay Point Resort wara talba tar-residenti tal-Blokk specjalment iz-zewg familji l;i ghandhom reserved parking minhabba id-dizabbilita' taghhom.

11.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jitqabbad il-kuntrattur J&K Contractors Limited sabiex jirranga l-horza tal-bir li hemm fi Triq San Patrizju wara li din iggarfet minn trakk.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew kien lesta programm ta' patching f'diversi toroq fil-lokal.

11.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li kemm l-istaff tal-Kunsill kif ukoll il-haddiem ta' l-IPSL meta japplikaw ghall-vacation leave ghandhom jinfurmaw lill-membri kollha tal-Kunsill qabel ma jigi approvat sabiex ma jkunx hemm okkazjonijiet fejn staff ikun bil-vacation leave meta jkun hemm il-htiega tieghu fl-ufficcju minhabba xi attivitajiet.

11.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li f'dawn l-aħħar snin fuq decizjoni tal-Kunsill stess dejjem kienet addotata policy li fejn huwa possibli ma jkunx hemm zewg persuni bil-vacation leave, kif fil-fatt sar u dan sabiex ix-xoghol tal-Kunsill jibqa' ghaddej.

11.10. Is-Sindku qal li xi kummenti minnaha tal-Kunsilliera ghandhom jaslu malajr kemm jista' jkun qabel jawtorizzah.

11.11. Il-membri tal-Kunsill prezenti qablu ma din ir-rakkomandazzjoni.

11.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk il-punch clock li qed jintalab li jinxtara ghandux jirrekordja l-hinijiet biss jew ikun amalgamat ma' sistema ta' pagi.

11.13. Il-Kunsilliera prezenti qablu li dan ghandu jkun mezz li jirrekordja l-hinijiet tax-xoghol biss.

11.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li tinhareg sejha ghall-offerti (tender jew kwotazzjonijiet) ghal servizz ta' qlugh u rimi ta' palm li huwa nfettat bil-bumunqar.

11.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg tender bil-mizata ghal kull dokument tkun dik ta' € 50.00. Il-kelliem zied ukoll li sakemm isir il-processar tal-Kuntratt jekk tinqala il-htiega biex ma jtirx il-bumunqar min sigar li jkun infettat il-Kunsill juza is-servizz tal'Kuntrattur Shawn Farruggia

11.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.18. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lic-Chairwoman ta' l-ETC Dr. Sandra Sladden sabiex il-Kunsill jibbenifika minn skema ta' haddiema li qed jirregistraw ghax-xoghol, sabiex jaghmlu xoghol fil-lokal li jinkludi xoghol ta' cleaner ghall-ufficcju amministrattiv, xoghol ta' general handyman, xoghol klerikali, xoghol ta' welder u xoghol ta' plaster.

11.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghas-servizz tat-televizjoni r-rati taz-zewg kumpaniji li hawn fis-suq huma Go reception € 2.33, Silver € 11.65 + € 2.33, Gold € 20.96 + € 2.33 u Melita reception € 7.76, L € 16.30, XL €29.10, Sports € 19.00. **(Ara dokument K)**

11.22. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jabbona ghas-servizz L ta' Melita Digital ghall-prezz ta' € 16.30 fix-xahar eskluz l-installazzjoni kif ukoll ghas-servizz ta' Sports meta jkun hemm il-htiega.

11.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.25. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill jiffissa d-dati tal-laqgha tal-Kunsill ghas-sena 2009 inkluz il-granet u l-hinijiet.

11.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-laqghat tal-Kunsill ghandhom jergghu jibdew isiru nhar t'Erbgha fis-7.00 pm u li jibqghu isiru kull gimghatejn bil-laqgha li jmiss tkun nhar l-Erbgha 14 ta' Jannar 2008 fis-7.00 pm.

11.27. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta programm provizorju tal-vacation leave tieghu u ta' l-impjegati ghall-ewwel tlett xhur tas-sena 2009. **(Ara dokument L u M)**

11.30. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li peress li kien wasal l-ahhar tas-sena kien ghaqli li l-Kunsill jiddiskuti l-hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati ghas-sena li gejja vis-a-vis il-hinijiet tas-Sajf.

11.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa fil-principju kien jaqbel li l-istaff jahdem nofs ta' nhari tul Awwissu biss kif jistipula l-Ftehim Kollettiv. Il-kelliem qal li ma jixtieqx li la jbaghtu r-residenti u lanqas l-impjegati.

11.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li jekk ikun hemm perjodu twil il-Kunsill ikun qed ibghati minn nuqqas ta' xoghol minhabba li l-impjegati kollha jkunu qed jahdmu bin-nofs ta' nhari. Il-kelliema qalet li jista' jkun li tkun addottata sistema ta' roaster.

11.33. Wara diskussjoni li kien hemm is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett ser ikun diskuss fil-laqgha li jmiss u ser ikun fuq l-agenda.

11.34. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsill jekk il-Kunsill huwiex ser jorganizza l-attivita' ta' Marzu 2009 kif ukoll jekk il-Kunsill huwiex ser jitlob l-assistenza ta' Pembroke Athleta Football Nursery halli jkunu jistghu jibdew il-preparamenti mehtiega.

11.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita' annwali l'ilha ssir ghal numru ta' snin.

11.36. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjoni ghall-provvista ta' fustun tad-dawl kif ukoll dawl dekorattiv tal-Milied sabiex jintuza s-sena d-diehla.

11.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li meta saru l-handrailing f'San Patrizju, kien hemm wiehed ta' faccata tal-familja Virgo li ma sarx, u talab biex dan isir.

11.42. il-Kunsill qabel unanimament.

11.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsir upgrading u landscaping tar-roundabout ta' San Gorg billi jitqabbad il-perit tal-Kunsill u l-kuntrattur J&K Contractors Limited.

11.44. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.46. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Isla kien iffirma gemellagg ma' rahal f'Wales, liema gemellagg sar bl-intervent tal-Kunsill Lokali Pembroke.

11.47. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li tinzebagh iz-zebra crossing li hemm fi Triq Cassino kif ukoll li jekk huwa possibbli ikun hemm aktar dawl fl-akwata.

11.48. il-Kunsill qabel unanimament.

11.49. is-Sindku qal li se jiltaqgha mal-Kuntrattur tad-dawl biex jara x'jista jsir rigward dawl u jinforma lill-Kunsill.

11.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li l-ghalliema tal-Verdala International School u r-residenti ta' St. Andrews House qed johorgu One Way minn Misrah il-Fortizza ghal Triq Cassino.

11.51. Is-Sindku Joe Zammit qal li suppost minn Frar l-LES Joint Committee ser jibda jaghmel uzu mill-mobile cameras u b'hekk tissolva din il-problema ghaliex min jikser il-ligi ser jibda jigi mharrek. Minnaha l-ohra se naraw jekk nistghux nuzaw fixed camera li tehel mal-blokk tal-Verdala School u ghalhekk jenhtieg il-permess taghhom.

11.52. Il-Kunsillier Lauro Fava xtaq ikun jaf meta ser isiru l-litter bins ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

11.53. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ix-xoghol ser isir minn haddiem ta' l-IPSL. U jispera li jibda ix-xoghol ta' referbishment tal-gnien matul 2009.

11.54. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jikri High Up sabiex il-kuntrattur ikun jista' jizbor sigar twal li hawn fil-lokal.

11.55. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.57. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li l-kuntrattur J&K Contractors Ltd. kien ghadu ma rrangax il-kaxxi tad-dawl li hemm fit-triq madwar San Patrizju.

11.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrapporta li hemm sprall miksur fi Triq Misrah il-Fortizza.

11.59. Il-laqgha ntemmet fl-10.00 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 14 ta' Jannar 2009 fis-7.00 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |